

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 527/2007**ta' l-10 ta' Mejju 2007****li jstabbilixxi projbizzjoni għas-sajd tat-tusk fil-KE u l-ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII ta' l-ICES minn bastimenti li jtajru l-bandiera Spanjola**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jstabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-politika tas-sajd komuni ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 41/2007 tal-21 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi għall-2007 l-opportunitajiet ta' sajd u l-kondizzjonijiet assoċjati magħhom għal ċerti ħażniet ta' ħut u gruppi ta' ħażniet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Komunità, u għal bastimenti Komunitarji, f'ilmijiet fejn huma meħtieġa limiti ta' qbid ⁽³⁾, jstabbilixxi l-kwoti għall-2007.
- (2) Skond l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qbid ta' l-istokk imsemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru rreġistrat fl-Istat Membru msemmi fih eżawrew il-kwota allokata għall-2007.

- (3) Jeħtieġ għalhekk li jiġi pprojbit is-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trasbord u l-ħatt tiegħu l-art,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-eżawriment tal-kwota

Il-kwota għas-sajd allokata lill-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi fih għall-2007 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stabbilita f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi fih jew li ġew irreġistrati f'dan il-pajjiż għandhom jiġu pprojbiti mid-data stabbilita f'dak l-Anness. Huwa pprojbit li t-tali stokk maqbud minn dawk il-bastimenti wara dik id-data jinżamm fuq il-bastimenti, jiġi ttrasbordat jew jinħatt l-art.

Artikolu 3

Dħul fis-sehhDan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada ta' meta ssir il-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Mejju 2007.

Għall-Kummissjoni

Fokion FOTIADIS

Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi

⁽¹⁾ ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.⁽²⁾ ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11, kif ikkoreġut mill-ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6).⁽³⁾ ĠU L 15, 20.1.2007, p. 1. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 444/2007 (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 22).

ANNEX

Nru	06
Stat membru	Spanja
Stokk	USK/567EI.
Speċi	Tusk (<i>Brosme brosmæ</i>)
Żona	KE u ilmijiet internazzjonali taż-żoni V, VI u VII ta' l-ICES.
Data	31 ta' Marzu 2007